MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 976/2004

**Residentials Limited (C195).**

**-vs-**

**L-Av. Richard Sladden u l-P.L. Liliana Buhagiar b'digriet tat-3 ta' Frar, 2005 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-Equal Company Limited (C8763) u Francis Scicluna (I.D. 883249).**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-16 ta' Dicembru, 2004 li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi bi skrittura ta' lokazzjoni datata 22 ta' Jannar 2003 (anness Dok 'A') is-socjeta' attrici kriet lis-socjeta' konvenuta Equal Company Limited il-fond numru sebgha ittra "A" (7A), Triq San Gorg, San Giljan ghal perijodu ta' ghoxrin sena (20) li beda jiddekorri mill-1 ta' Ottubru 2002 taht il-pattijiet u l-kondizzjonijiet indikati fl-istess skrittura ta' lokazzjoni;

Illi ai termini ta' l-istess skrittura ta' lokazzjoni il-konvenut l-iehor Francis Scicluna ikkostitwixxa ruhu bhala garanti solidali tas-socjeta' konvenuta a favur is-socjeta' attrici ghat-twettieq ta' l-obbligazzjonijiet assunti mis-socjeta' konvenuta fuq l-istess skrittura ta' lokazzjoni;

Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenuti in solidum fl-ammont globali ta' tlieta u hamsin elf u mitt Lira Maltija (Lm53,100) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' hamsa u erbghin elf Lira Maltija (Lm45,000) arretrati ta' kera ai termini ta' l-iskrittura ta' lokazzjoni datata 22 ta' Jannar 2003 ghall-perijodu bejn l-1 ta' Ottubru 2002 u l-31 ta' Marzu 2005 u in kwantu ghas-somma ta' tmint elef u mitt Lira Maltija (Lm8,100) bhala taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-imsemmija arretrati ta' kera;

Illi l-imsemmi ammont ta' Lm53,100 huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma ta' l-istess socjeta' attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta' l-istess socjeta' attrici, il-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni;

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-

finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tlieta u hamsin elf u mitt Lira Maltija (Lm53,100) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' hamsa u erbghin elf Lira Maltija (Lm45,000) arretrati ta' kera ai termini ta' l-iskrittura ta' lokazzjoni datata 22 ta' Jannar 2003 ghall-perijodu bejn l-1 ta' Ottubru 2002 u l-31 ta' Marzu 2005 u in kwantu ghas-somma ta' tmint elef u mitt Lira Maltija (Lm8,100) bhala taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-imsemmija attetrati ta' kera;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 3 ta' Dicembru 2004, dawk relattivi ghall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontestwalment prezentat, oltre l-imghaxijiet legali sal-jum ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Nicholas Borg, I.D. 427671(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi pprezentata fl-24 ta' Frar, 2005 li permezz taghha eccepixxew:

1. Illi l-eccipjenti m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz u jirriservaw li jipprovdu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri, meta jikkomunikaw mal-konvenut.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti kuraturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Semghet ix-xhieda ta' Nick Borg moghtija fis-seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005.

Rat l-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' April, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta ta' llum wara li semghet lill-Avukat.

Ikkunsidrat.

Illi minkejja l-isforz kollu taghhom il-kuraturi ma rnexxilhomx jaghmlu kuntatt mall-konvenut u ghalhekk setghu biss jiddikjaraw illi ma humiex edotti mill-fatti. Ghalhekk il-prova mressqa mis-socjeta' attrici ma gietx kontradetta;

**Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba billi l-kawza ma tmexxitx bil-procedura ndikata fl-artikoli in kwistjoni minhabba li kien hemm bzonn in-nomina tal-kuraturi, izda tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u hamsin elf u mitt Lira Maltin (Lm53,100) bl-imghaxjiet legali kif mitluba u bl-ispejjes kollha kompriz dawk imsemmija fic-citazzjoni, b'dan izda li provizorjament l-atturi ghandhom ihallsu lill-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------